



Brussell, 16 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10329/16

Fajl Interistituzzjonal:

2016/0185 (COD)

TELECOM 121
COMPET 381
MI 458
CONSOM 154
CODEC 898

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ġunju 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 399 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TALK-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 399 final.

Mehmuż: COM(2016) 399 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2016
COM(2016) 399 final

2016/0185 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa

(Test b'rilevanza għaż-ż-ŻEE)

{SWD(2016) 201 final}
{SWD(2016) 202 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-intervent regolatorju tal-UE fis-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa kien meħtieġ ġhall-aħħar 10 snin sabiex setgħu jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tar-roaming fi ħdan l-Unjoni¹.

Fl-2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120,² li dāhal fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2015 u emenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 (ir-Regolament dwar ir-Roaming)³.

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 jirrikjedi t-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut fl-Unjoni mill-15 ta' Ġunju 2017, soġġett għall-użu ġust tas-servizzi tar-roaming u l-possibbiltà li jiġi applikat mekkaniżmu ta' deroga tas-sostenibbiltà tat-tnejħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut. F'dan il-memorandum ta' spjegazzjoni, dawn ir-regoli ġodda għas-servizzi tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni ssir referenza ġħalihom bħala r-regoli tar-'roam-like-at-home' (RLAH).

Filwaqt li huwa neċċesarju, ir-regolament fil-livell tal-imnut waħdu mħuwiex bieżżejjed għall-implimentazzjoni tar-RLAH. Sabiex it-tnejħħija ta' ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut tkun sostenibbli madwar l-Unjoni kollha u ma toħloqx distorsjoni tal-kundizzjonijiet kompetittivi fis-swieq domestiċi, is-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa jeħtieġ li jkunu kompetittivi u jwasslu prezziżiet għar-roaming bl-ingrossa li jippermettu lill-operaturi joffru b'mod sostenibbli servizzi tar-roaming bl-imnut mingħajr ebda ħlas addizzjonali.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni wettqet rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa, bil-ħsieb li tivvaluta l-miżuri meħtieġa sabiex tippermetti t-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut, b'konformità mal-Artikolu 19 (1) tar-Regolament dwar ir-Roaming⁴.

Din l-analiżi tas-swieq bl-ingrossa turi li għadd ta' fallimenti tas-suq għadhom qeqħdin jaffettwaw il-funzjonament ta' dawn is-swieq (bħan-natura oligopolistika tagħhom, ikkombinata man-natura bilaterali tal-ftehimiet tar-roaming u n-nuqqas ta' sostituti bl-ingrossa). Din l-analiżi turi wkoll li l-pożizzjoni ta' negozjar tal-ispedituri netti tat-traffiku tar-roaming, inklużi l-parteċipanti aktar dgħajfa fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa, tista' fil-fatt

¹ Ara s-sentenza fil-Kawża C-58/08, EU:C:2010:321.

² Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

³ Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

⁴ Għad-dettalji ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa [referenza finali] u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa. [referenza finali].

tiddeterjora taħt r-RLAH jekk ma jiġux applikati miżuri kumpensatorji. Din tista' min-naħħa tagħha toħloq distorsjoni tal-funzjonament tas-swieq domestiċi tal-operaturi interni.

Fl-istess ħin, kwalunkwe regoli dwar is-suq tar-roaming bl-ingrossa għandhom jiġuraw li l-operaturi miżjura jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż imġarrba fil-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, inklużi spejjeż kongħu u komuni. Dan għandu jippreserva l-inċentivi sabiex isir investimenti fin-netwerks miżjura u tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni domestiċi fis-swieq miżjura kkawżata minn arbitraġġ regolatorju mill-operaturi li jużaw rimedji ta' aċċess għar-roaming sabiex jikkompetu fi swieq miżjura domestiċi kompetitivi xort'oħra.

Għalhekk, din l-inizjattiva għandha l-ġhan li tirregola l-funzjonament tas-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa sabiex tneħħi l-ħlasijiet addizzjonal għar-roaming bl-imnut sal-15 ta' Ġunju 2017 mingħajr ma toħloq distorsjoni tas-swieq domestiċi u interni miżjura.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti**

It-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonal għar-roaming bl-imnut hija pass essenzjali lejn l-iżgurar li r-regoli tat-telekomunikazzjoni jappoġġaw it-twaqqif u l-funzjonament ta' suq uniku diġitali madwar l-Unjoni. Din il-mira kienet enfasizzata wkoll fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali stabbilita mill-Kummissjoni fis-6 ta' Mejju 2015⁵. B'mod partikolari, ir-regolazzjoni tas-suq tar-roaming bl-ingrossa għall-istabbiliment tar-RLAH fl-Unjoni se tgħin sabiex jintlaħaq l-ġhan tal-politika li jiġi żgurat li s-swieq li jiffunzjonaw sewwa jagħtu aċċess għal infrastruttura tal-broadband mingħajr fili ta' prestazzjoni għolja bi prezziżżejjet affordabbli madwar l-Unjoni.

Il-koleġiżlaturi rrikonoxxew l-importanza ta' dan l-ġhan għas-suq uniku diġitali globali meta ġew adottati r-regoli tar-RLAH fl-2015. Madankollu, minħabba l-interrelazzjoni bejn is-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa, il-koleġiżlaturi għamlu l-applikazzjoni tar-RLAH soġġetta għall-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet fil-livell bl-ingrossa meħtieġa sabiex jippermettu t-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonal għar-roaming bl-imnut fl-Unjoni.

Għalhekk, din il-proposta għal regolament hija maħsuba biex tikkompleta r-regoli dwar ir-roaming, b'mod partikolari fir-rigward tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa, kif ukoll biex tippermetti l-applikazzjoni tar-regoli tar-RLAH mill-15 ta' Ġunju 2017. Dan huwa konformi mal-għanijiet ta' politika li jsostnu r-Regolament dwar ir-Roaming u l-Istrateġija usa' għal Suq Uniku Diġitali.

Minbarra l-miżuri leġiżlattivi proposti hawnhekk, l-istabbiliment tar-RLAH se jkun akkumpanjat ukoll minn atti ta' implementazzjoni li jridu jiġu adottati sal-15 ta' Diċembru 2016 li jipprevedu regoli ddettaljati dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu ġust u l-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonal għar-roaming bl-imnut.

⁵

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa COM(2015) 192.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tinnota li n-netwerks ta' informazzjoni u teknoloġija tal-komunikazzjoni jipprovdu s-sinsla għall-prodotti u s-servizzi diġitali li għandhom il-potenzjal li jappoġġaw l-aspetti kollha tal-ħajja tagħna u li jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku tal-Ewropa. Għalhekk, ir-regolazzjoni tas-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa bil-għan li tippermetti t-tnejħiha tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming tgħin sabiex jiġi żviluppat settur tat-telekomunikazzjoni b'saħħtu, kompetitiv u dinamiku, filwaqt li tgħin ukoll sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet ġusti għall-iżvilupp ta' netwerks diġitali u servizzi avvanzati li jappoġġaw is-setturi kollha tal-ekonomija, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-intervent regolatorju tal-UE fuq is-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa u fuq is-swiegħ tar-roaming bl-imnut kien neċċessarju għal dawn l-aħħar 10 snin abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Tali intervent kellu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tar-roaming fi ħdan l-Unjoni⁶ minħabba li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rrikonoxxew li huma ma setgħux jindirizzaw din il-problema b'mod awtonomu minħabba n-natura transkonfinali tas-suq tar-roaming internazzjonali⁷. Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2015/2120, jeħtieġ li jiġu adottati mīzuri leġiżlattivi xierqa li jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa. Dan jippermetti l-forniment tar-RLAH madwar l-Unjoni, kif muri mir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa. Għalhekk, huma meħtieġa wkoll mīzuri li jirregolaw is-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa skont l-Artikolu 114 tat-TFUE sabiex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern għal servizzi tar-roaming u, b'mod partikolari, sabiex ikun żgurat il-forniment sostennibbi tar-RLAH.

- **Sussidjarjetà**

Approċċ tal-Unjoni għar-regolazzjoni tas-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa jwaqqaf lil Stati Membri individwali milli jieħdu approċċi differenti għall-indirizzar tal-problema tal-prezzijiet bl-ingrossa għoljin. Dawn l-approċċi differenti joħolqu ostakoli għas-suq intern minħabba li l-fornituri ta' servizzi tar-roaming fl-Unjoni jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet regolatorji varji skont jekk kinux fornituri tar-roaming bl-ingrossa (bħala operaturi mīżjura) jew xerrejja ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa (bħala operaturi interni), minkejja r-regoli dwar ir-roaming bl-imnut li hemm stipulati fir-Regolament dwar ir-Roaming.

Huwa meħtieġ ukoll approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni minħabba li Stati Membri individwali jista' ma jkollhomx biżżejjed incēntivi sabiex jirregolaw is-swiegħ nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa b'mod li jikkunsidra l-impatt li jista' jkollhom ir-regoli tagħħom fuq il-possibbiltà li jiġi pprovdut r-RLAH fi Stati Membri oħra. Inizjattiva fil-livell tal-Unjoni tikkunsidra aħjar l-interess ġenerali tal-Istati Membri kollha. In-nuqqas ta' żgur ta' regolazzjoni konsistenti tas-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa fil-livell tal-Unjoni jista' jagħmilha

⁶ L-użu ta' din il-bażi legali kien ikkonfermat ukoll fis-sentenza fil-Kawża C-58/08, EU:C:2010:321, il-paragrafu 48.

⁷ Ara l-ittra ta' Diċembru 2005 mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej lid-Direttur Ĝeneralis tad-Direttorat Ĝeneralis tal-Kummissjoni għas-Soċjetà tal-Informazzjoni.

aktar diffiċli li jiġi pprovdut r-RLAH, minħabba r-riskju miżjud ta' inkonsistenzi bejn l-ispejjeż tal-bejgħ bl-ingrossa mġarrba fi Stati Membri oħrajin u d-dħul minn bejgħ bl-imnut.

Għall-kuntrarju, approċċ komuni fil-livell tal-UE jista' jistabbilixxi l-kundizzjonijiet regolatorji meħtieġa u jiżgura li s-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa jappoġġaw l-għan li jitneħħew il-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming b'mod sostenibbli madwar l-Unjoni kollha. Fl-aħħar nett, approċċ komuni jikkunsidra wkoll l-interdipendenza bejn ir-regoli għas-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa fl-iżgħiġi tal-funzjonament bla xkiel tas-swieq tar-roaming fl-Unjoni, kif enfasizzat digħi mill-Qorti⁸.

• **Proporzjonalità**

Il-leġiżlatur jingħata diskrezzjoni wiesgħa sabiex jiżgura li l-għażliet tiegħu jkunu proporzjonati. Madankollu, il-Qorti kkjarifikat, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar ir-roaming, li l-leġiżlatur irid jibba l-għażliet tiegħu fuq kriterji oġġettivi.

F'każ bħal dan, meta jiġu vvalutati l-pizċiċiet assoċjati mad-diversi miżuri possibbli, għandu jiġi eżaminat jekk l-għanijiet segwiti humiex tali li jiġi għażiex ukoll konsegwenzi ekonomiċi negattivi sostanzjali għal ċerti operaturi⁹. Konsegwentement, il-miżuri regolatorji proposti jikkunsidraw żewġ elementi b'konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 19 (1) tar-Regolament dwar ir-Roaming, jiġifieri l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-operaturi miżjura jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż kollha, inklużi spejjeż konġunti u komuni, imġarrba fil-provvista ta' servizzi rregolati tar-roaming bl-ingrossa, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet oħrajin ghajj il-provvista ta' servizzi tar-roaming irregolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt li dawn tal-aħħar ikunu qed jivvja għġaw perjodikament ġewwa l-Unjoni.

Dawn ir-rekwiżiti speċifiċi jiżguraw li, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-regoli dwar ir-roaming bl-ingrossa jagħmlu biss dak li huwa neċċesarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-politika ġenerali. Ma għandhomx, pereżempju, joħolqu konsegwenzi ekonomiċi negattivi li mhumiex ġustifikati sabiex jintlaħaq l-għan, bħal li l-operaturi effikaċi jintalbu jipprovdu servizzi taħt l-ispiża jew jimponu regoli ta' aċċess li l-operaturi miżjura ma jistgħux jillimitaw għall-forniment ta' servizzi tar-roaming.

Min-naħħa l-oħra, kif ġie enfasizzat mill-Qorti, il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità ma tipprekludix lil xi operaturi li possibbilment jesperjenzaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi f'każiċċiet speċifiċi, bħal tnaqqis fil-profitti ogħla mil-livell li jkun imġarrab fi swieq kompetittivi għal kollox għal attivitajiet ta' roaming bl-ingrossa jew telf minħabba l-ġestjoni ineffikaċi tal-ispejjeż tan-netwerk. Dan għaliex, f'xi każiċċiet, dawn il-konsegwenzi negattivi jkunu tabilħaqq ġustifikati u meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan segwit.

• **Għażla tal-istrument**

Il-miżuri proposti huma maħsuba biex jiddefinixxu direttament ir-regoli applikabbli għall-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, billi jemendaw id-dispożizzjonijiet

⁸ Fis-sentenza fil-Kawża 58/08, il-Qorti kkonstatat li r-regolazzjoni tas-suq tar-roaming bl-ingrossa hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjet fid-dawl tal-fatt li ‘l-interdipendenza bejn il-prezzijiet bl-imnut u l-prezzijiet bl-ingrossa tas-servizzi tar-roaming tgawdi importanza sinifikanti, b'mod li kull miżura intiża biss għat-tnaqqis tal-prezzijiet bl-imnut mingħajr ma taffettwa l-livell tal-ispejjeż tal-provvista bl-ingrossa tas-servizzi tar-roaming madwar il-Komunità kienet tkun ta’ natura li tfixkel il-funzjonament tajjeb tar-roaming Komunitarju’ (il-paragrafu 77).

⁹ Sentenza tal-Qorti fil-kawża C-58/08, EU:C:2010:321, il-paragrafu 53.

korrispondenti stipulati fir-Regolament dwar ir-Roaming. Għal din ir-raġuni, huwa propost regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALKONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.

- Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni wettqet rieżami komprensiv tas-suq tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni fid-dawl tal-ghajnejiet speċifiċi stipulati fir-Regolament dwar ir-Roaming.

B'mod partikolari, ir-rieżami juri li s-swieq tar-roaming bl-ingrossa mhux dejjem jiffunzjonaw kif suppost. L-impatt ta' dawn il-fallimenti tas-suq fuq il-funzjonament tas-swieq bl-ingrossa jirriżulta fi prezziżjet sostanzjalment ogħla mill-ispejjeż stmati, b'mod partikolari għad-dejta. Madankollu, kwalunkwe dinamika kompetittiva li tista' tiġi osservata fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni hija essenzjalment marbuta mat-tariffi irregolati eżistenti tar-roaming bl-ingrossa. Dawn it-tariffi limitati ta' spiss ikunu l-uniċi disponibbli għall-operaturi b'setgħa ta' negozjar aktar limitata (operaturi iżgħar jew operaturi tan-netwerk virtwali mobbli). Ir-rieżami jikkonkludi wkoll li mhuwiex possibbli li jiġi antiċipat b'ċertezza l-impatt tal-obbligu futur tar-RLAH u, b'mod partikolari, taż-żieda mistennija tat-traffiku tar-roaming, fuq il-kompetizzjoni fis-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa. Għall-kuntrarju, bil-fallimenti tas-suq persistenti li jaffettwaw lis-swieq tar-roaming bl-ingrossa, ir-rapport tar-rieżami ma jeskludix ir-riskju li, fin-nuqqas ta' miżuri kumpensatorji, il-pożizzjoni ta' għadd sostanzjali ta' parteċipanti tas-suq fil-fatt se tiddeterjora taħt r-RLAH.

- Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tas-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa mid-29 ta' Novembru 2015 sat-18 ta' Frar 2016. L-iskop tal-konsultazzjoni kien li jingħabru opinjonijiet dwar kemm qeqħdin jiffunzjonaw tajjeb is-swieq tar-roaming fl-UE u dwar ir-regolazzjoni attwali tas-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni fid-dawl tal-obbligu previst fir-Regolament dwar ir-Roaming sabiex jitneħħew il-ħlasijiet addizzjonal tar-roaming bl-imnut sal-15 ta' Ġunju 2017. B'kollox waslu 97 tweġiba (92 permezz tal-kwestjonarju online, 3 permezz tal-posta elettronika u 2 dokumenti ta' pożizzjoni) minn 25 Stat Membru u min-Norveġja.

L-operaturi għandhom perċezzjonijiet differenti ta' kemm qed jiffunzjonaw tajjeb is-swieq tar-roaming bl-ingrossa. Ċerti operaturi preeżistenti li ilhom stabbiliti u operaturi b'impronta kbira u, ġeneralment, operaturi bi traffiku kbir ta' roaming 'il-ġewwa, jargumentaw li teżisti ċerta dinamika kompetittiva, kif muri mit-tariffi tas-suq bl-ingrossa li ta' spiss ikunu taħt il-limiti massimi regolatorji attwali. Operaturi oħrajn, b'mod partikolari dawk iżgħar, operaturi tan-netwerk virtwali mobbli u operaturi bi traffiku kbir ta' roaming 'il-barra, isostnu li l-prezzijiet disponibbli għalihom fis-suq tar-roaming bl-ingrossa huma fil-limiti massimi attwali jew qrib tagħhom u huma sostanzjalment ogħla mill-ispejjeż. Il-fehmiet dwar l-effett tar-RLAH fuq il-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa huma maqsuma wkoll bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' operaturi, fejn tal-ewwel isostni li r-RLAH se jżid il-kompetizzjoni, filwaqt li tal-aħħar jgħid l-oppost.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-gvernijiet jesprimu fehmiet simili għal dawk tal-operaturi fil-pajjiżi tagħhom. Il-pajjiżi kbar tar-roaming 'il-ġewwa jqis u li s-swieq nazzjonali

tar-roaming bl-ingrossa jiffunzjonaw tajjeb, filwaqt li l-pajjiżi kbar tar-roaming 'il barra huma tal-fehma opposta. Fl-aħħar nett, il-konsumaturi u l-assoċċazzjonijiet tal-konsumaturi huma kawti meta jiġu biex jesprimu fehmiet dwar is-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa, minħabba li mhumiex involuti direttament f'dawn is-swiegħ.

Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu huma tal-fehma li l-limiti massimi tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE validi fl-Istati Membri kollha se jkunu l-aktar approċċ regolatorju xieraq sabiex ikun possibbli r-RLAH fl-2017. Madankollu, minħabba l-perċezzjonijiet differenti ta' kif jiffunzjona s-suq tar-roaming bl-ingrossa, l-operaturi huma maqsuma fuq l-aktar livell xieraq ta' tali limiti massimi sabiex ikun possibbli r-RLAH sostenibbli. Xi wħud jappoġġaw il-konferma tal-limiti massimi attwali tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa, filwaqt li oħrajn iħeġġu għal tnaqqis sinifikanti sabiex ikun possibbli r-RLAH sostenibbli. Barra minn hekk, ħafna operaturi nnotaw l-importanza tal-livell tar-rati ta' terminazzjoni għat-traffiku tar-roaming sabiex r-RLAH ikun possibbli għat-telefonati bil-vuċi.

- Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tinġabar l-evidenza meħtieġa għar-rapport ta' rieżami, u minbarra l-konsultazzjoni pubblika, fil-ħarifa tal-2015, il-Kummissjoni u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) ġabru korp komprensiv ta' dejta mingħand l-operaturi¹⁰. Il-Kummissjoni talbet ukoll li jsir studju estern sabiex tiġi stmata l-ispīża għall-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa¹¹ u analizzat id-dejta kwalitattiva u kwantitattiva li rċeviet dwar is-swiegħ tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa¹².

- Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt¹³ ġie ppreżentat lill-Bord ta' Skrutinju Regolatorju, li pprovda opinjoni pożittiva fil-15 ta' April 2016.

Ġew ikkunsidrati erba' għażiex:

Għażla 1 - ebda azzjoni fil-livell tal-Unjoni (xenarju bażi). Ir-RLAH ma jkunx applikabbli mill-15 ta' Ġunju 2017 u l-konsumaturi jkomplu jħallsu ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut.

Għażla 2 - l-iffissar ta' limiti massimi għat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha fil-livell attwali. F'din l-ġħażla, il-limiti massimi attwali tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa stipulati fir-Regolament dwar ir-Roaming (EUR 0.05 għal kull minuta ta' telefonata

¹⁰ Id-dejta miġbura ġiet analizzata b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Il-JRC huwa s-servizz intern tax-xjenza tal-Kummissjoni Ewropea li jimpjega xjentisti biex iwettqu riċerka bil-għan li jiġu pprovduti appoġġ u pariri xjentifiċi indipendenti bbaż-żejt fuq l-evidenza għall-politika tal-UE. Għal aktar tagħrif, żur is-sit elettroniku tal-JRC fuq: <https://ec.europa.eu/jrc/>.

¹¹ SMART 2015/006 ‘Assessment of the cost of providing wholesale roaming services in the EU’, TERA Consultants.

¹² L-analiżi ġiet żviluppata mid-DG CONNECT b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru ta’ Kompetenza tal-JRC dwar l-Evalwazzjoni Mikroekonomika.’ Għal aktar tagħrif, żur is-sit elettroniku tal-JRC fuq: <https://ec.europa.eu/jrc/>

¹³ Valutazzjoni tal-Impatt tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni.

li ssir, EUR 0.02 għal kull SMS, EUR 0.05 għal kull MB) jiġu kkonfermati f'att leġiżlattiv, b'tali mod li r-RLAH jidħol fis-seħħ mill-15 ta' Ġunju 2017.

Għażla 3 - l-iffissar ta' limiti massimi għat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha f'livell aktar baxx mil-lum. Taħt din l-għażla, il-leġiżlazzjoni tnaqqas il-limiti massimi attwali tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa għal EUR 0.04 għal kull minuta ta' telefonata li ssir, EUR 0.01 għal kull SMS u EUR 0.0085 għal kull MB u tiżgura wkoll li r-RLAH jidħol fis-seħħ.

Għażla 4 - l-iffissar ta' limiti massimi għat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa speċifiċi skont il-pajjiż. Din l-għażla tapplika limiti massimi għat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa speċifiċi skont il-pajjiż ugwali għall-estimi tal-ispejjeż f'kull Stat Membru u bbażati fuq mudell tal-ispejjeż komuni. Bl-istess mod, din għandha tagħmel r-RLAH possibbli mill-15 ta' Ġunju 2017.

Minbarra l-għażla bbażata fuq il-limiti massimi fost l-għażiet 2 sa 4, il-Kummissjoni analizzat ukoll miżura kumplimentari li tagħti lill-partijiet għal ftehim ta' roaming bl-ingrossa l-possibbiltà li jinnegozjaw skema ta' pprezzar deregolarizzata, sabiex b'hekk jirrinunzjaw l-applikazzjoni ta' limiti massimi tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa abbażi tal-unitajiet ipprovdu fir-Regolament dwar ir-Roaming.

Abbażi tal-analiżi mwettqa fil-valutazzjoni tal-impatt, **l-ġħażla 3 hija l-aktar addattata biex tippermetti RLAH sostenibbli fl-Unjoni**, inkluż għall-operaturi b'inqas setgħa ta' negozjar. Tiżgura li l-operaturi miżjura jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż antiċipati tagħhom għall-provvista tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa u żżomm l-inċentivi ta' investiment fis-swieq miżjura. Il-livell tal-limitu massimu taħt l-ġħażla 3 iħalli wkoll lok għal kompetizzjoni taħt il-limitu massimu, li jippermetti lill-operaturi jiksbu vantaġġi ekonomiċi mill-iskala, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jinnejgozjaw tariffi aktar baxxi.

L-analiżi turi wkoll li l-ghosti ta' permess lill-operaturi miżjura u l-viżitaturi sabiex jaqblu flimkien li ma japplikawx limiti massimi bl-ingrossa, iżda li jkollhom kuntratt mhux irregolat, pereżempju, l-ipprezzar ibbażat fuq il-kapaċità jew kwalunkwe forma kuntrattwali oħra, iħallu impatt pożittiv fuq is-suq tar-roaming bl-ingrossa. Għalhekk, dan jista' jkun permess ukoll bħala miżura kumplimentari.

Għall-kuntrarju, l-ġħażla 4 ma ttejjibx b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tar-RLAH fil-livell tal-operaturi meta mqabbla mal-ġħażla 3, iżda tinvolvi riskji akbar f'termini ta' rkupru tal-ispejjeż fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa u diffikultajiet konsiderevoli fl-implementazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-ġħażla 1 u, sa ġerti punt, l-ġħażla 2 ma jilħqux l-ghosti li jiġi żgurat ir-RLAH madwar l-Unjoni. Dan għaliex l-ġħażla 1 ma tiżgurax it-tnejħiha tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut: b'mod partikolari, taħt l-ġħażla 1, it-telf tat-trattament xieraq tal-konsumaturi ikun jammonta għal EUR 1.4 biljun. L-ġħażla 2 lanqas ma tindirizza n-nuqqas ta' sostenibbiltà mifruxa tar-RLAH għal diversi operaturi (madwar 20 % tal-kampjun analizzat) u madwar diversi Stati Membri (aktar minn 20 % tal-Istati Membri).

• **Drittijiet fundamentali**

L-impatt tal-proposta fuq id-drittijiet fundamentali, bħal-libertà ta' intraprija, ġie analizzat. F'dan ir-rigward, meta wieħed iqis li l-limiti massimi proposti għandhom l-ghosti li jindirizzaw falliment tas-suq u jiżguraw l-irkupru tal-ispejjeż, ma jikkostitwixx ebda miżura sproporzjonata b'rabta mal-ghosti segwit jew interferenza intollerabbi li tagħmel ħsara lis-

sustanza nfisha ta' din il-libertà. Il-possibbiltà ta' nonparteċipazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex iżżejjid il-libertà tal-partijiet li jikkonkludu ftehim dwar bejgħ bl-ingrossa.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji għall-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- Pjanijiet għall-implementazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar**

Ir-RLAH se jsir obbligatorju minn Ġunju 2017, soġġett għall-applikabbiltà f'dik id-data tal-att leġiżlattiv li jrid jiġi adottat wara l-proposta preżenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tiproponi li tgħaqquad l-obbligi ta' rappurtar mad-dħul fis-seħħ tar-RLAH sabiex b'hekk kwalunkwe regoli ġodda dwar ir-roaming bl-imnut u bl-ingrossa jkollhom perjodu ta' applikazzjoni simili.

Fir-rigward tal-kontenut tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, il-klawżola ta' rieżami attwali fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament dwar ir-Roaming titlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta '*l-livell ta' kompetizzjoni kemm fis-swieq bl-imnut kif ukoll f'dawk bl-ingrossa, b'mod partikolari s-sitwazzjoni kompetittiva ta' operaturi żgħar, indipendenti jew li għadhom kemm bdew, inklużi l-effetti fuq il-kompetizzjoni ta' ftehimiet kummerċjali u l-livell ta' interkonnessjoni bejn l-operaturi*'.

Għalhekk, dan huwa direttament rilevanti meta jiġu vvalutati l-effetti tar-regoli fuq ir-roaming bl-ingrossa kkunsidrati fil-kuntest ta' din l-inizjattiva. Fi ħdan dan l-obbligu ta' rappurtar eżistenti, il-Kummissjoni tiproponi li tuża l-indikaturi li ġejjin sabiex tivvaluta l-miżuri speċifiċi għal din l-inizjattiva:

- l-għadd ta' talbiet ta' sostenibbiltà;
- il-volumi totali tat-traffiku tar-roaming 'il ġewwa u 'l barra għal kull kwart tas-sena;
- il-prezzijiet medji tal-bejgħ bl-ingrossa u l-volumi għat-traffiku bilanċjat u mhux bilanċjat;
- l-għadd u l-karatteristiċi ewlenin tal-kuntratti ta' bejgħ bl-ingrossa bbażati fuq il-kapaċità; u
- l-miżuri kuntrattwali ta' bejgħ bl-ingrossa adottati sabiex jindirizzaw l-aktivitajiet ta' negozju fuq skala kbira abbażi ta' roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiż tal-aċċess għal roaming bl-ingrossa u l-applikazzjoni effettiva tagħhom.
- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost huwa kompost minn żewġ artikoli, wieħed li jinkludi l-emendi proposti kollha għar-Regolament dwar ir-Roaming u ieħor dwar id-dħul fis-seħħ.

L-Artikolu 1 jiproponi l-emendi li ġejjin għar-Regolament dwar ir-Roaming:

- Il-Punt 1 jimmodifika l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar ir-Roaming billi jżid il-possibbiltà għall-partijiet għal ftehim dwar bejgħ bl-ingrossa li jirrinunżjaw l-applikazzjoni tal-limiti massimi tal-bejgħ bl-ingrossa previsti fl-Artikoli 7, 9 u 12 tar-Regolament dwar ir-Roaming.

- Il-punti 2 sa 4 jintroduċu emendi għad-dispożizzjonijiet eżistenti li jistabbilixxu t-tariffi medji massimi tar-roaming bl-ingrossa għat-telefonati, għall-SMS u għad-dejta, u jimmodifikaw il-valuri applikabbli. L-emendi jiżguraw ukoll il-konsistenza tat-tliet Artikoli emendati (l-Artikoli 7, 9 u 12).
- Il-Punt 5 jintroduċi emenda għall-Artikolu 17, bil-għan li tīgħi żgurata l-konsultazzjoni ta' BEREC f'tilwimiet li jikkonċernaw l-inputs meħtieġa għall-provvista ta' servizzi rregolati tar-roaming bl-ingrossa.
- Il-Punti 6 sa 7 jintroduċu emendi għall-klawżola ta' rieżami sabiex tīgħi żgurata l-konsistenza wara d-dħul fis-seħħ tar-RLAH u jiġu kkjarifikati s-setgħat ta' ġbir tad-dejta ta' BEREC fid-dawl tar-rieżami.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħi,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħha lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,²

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jintroduċi approċċ komuni għar-regolazzjoni tar-roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni fi ħdan l-Unjoni.
- (2) L-Istrateġija għal Suq Uniku Dijitali stabbilita mill-Kummissjoni fis-6 ta' Mejju 2015⁴ qieset il-pakkett tas-Suq Uniku fit-Telekomunikazzjoni, adottat mir-Regolament (UE) Nru 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, bħala l-ewwel pass lejn l-

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija għal Suq Uniku Dijitali għall-Ewropa, COM(2015) 192.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

eliminazzjoni tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut, sabiex b'hekk jiġi appoġġat it-twaqqif ta' suq uniku diġitali fl-Unjoni.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2015/2120 jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid ta' pprezzar bl-imnut għas-servizzi tar-roaming irregolati madwar l-Unjoni kollha sabiex jitneħħew il-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut mingħajr ma tinħoloq distorsjoni tas-swieq miżjura u domestiċi.
- (4) It-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut introdotti permezz tar-Regolament (UE) Nru 2015/2120, imsejħa wkoll “roam-like-at-home” (RLAH), hija meħtieġa sabiex tistabbilixxi u tiffaċilita l-funzjonament ta' suq uniku diġitali madwar l-Unjoni. Madankollu, dak ir-Regolament waħdu mhuwiex biżżejjed biex jiżgura l-funzjonament korrett tas-suq tar-roaming.
- (5) Għalhekk, it-tnejħħija tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming mill-15 ta' Ġunju 2017, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 531/2012, hija soġġetta għall-applikabbiltà ta' kwalunkwe att leġiżlattiv propost mill-Kummissjoni li jipprevedi miżuri xierqa wara r-rieżami minnha tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa.
- (6) Il-Kummissjoni wettqet rieżami komprensiv tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa bil-ġhan li tivvaluta liema miżuri huma meħtieġa sabiex il-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut ikunu jistgħu jitneħħew sal-15 ta' Ġunju 2017.
- (7) Fid-dawl tas-sejbiet tar-rieżami, il-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa⁶. F'dan ir-rigward, sabiex jiġi żgurat li s-servizzi tar-roaming bl-imnut ikunu jistgħu jiġi pprovduti bi prezziżżejjet domestiċi bl-imnut, l-inputs tar-roaming bl-ingrossa għandhom ikunu disponibbli f'livell li jippermetti lill-operaturi interni jipprovd ru-RLAH. Għalkemm l-eżistenza ta' swieq nazzjonali tar-roaming kompetittivi għal kollox, fejn il-prezzijiet ikunu konformi mal-ispejjeż sottostanti tal-forniment tan-netwerks miżjura, ċertament tagħmel ir-RLAH aktar sostenibbli, ir-rieżami juri li dan mhuwiex il-każ. Ir-rieżami wera wkoll li huwa improbabbli ħafna li l-obbligu futur tar-RLAH bl-imnut waħdu jwassal għal swieq tar-roaming bl-ingrossa li jiffunzjonaw sewwa u li jippermettu l-forniment tar-RLAH fl-Unjoni sal-15 ta' Ġunju 2017.
- (8) B'mod partikolari, il-funzjonament attwali tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa jista' jaffettwa l-kompetizzjoni u l-investimenti fis-swieq domestiċi tal-operaturi interni minħabba l-ħlasijiet eċċessivi għar-roaming bl-ingrossa mqabbla mal-prezzijiet bl-imnut domestiċi applikati għall-utenti finali. Dan jaapplika b'mod partikolari għall-operaturi netti u iżgħar ta' roaming 'il barra, sabiex b'hekk ir-RLAH isir mhux sostenibbli strutturalment.
- (9) Il-funzjonament tas-suq tar-roaming bl-ingrossa għandu jippermetti lill-operaturi jirkupraw l-ispejjeż kollha għall-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, inklużi spejjeż kongħuti u komuni. Dan għandu jippreserva l-inċentivi sabiex isir investiment fin-netwerks miżjura u tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni domestiċka

u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1.

⁶ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa [referenza finali]

fis-swieq miżjura kkawżata minn arbitraġġ regolatorju mill-operaturi li jużaw rimedji ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa sabiex jikkompetu fi swieq miżjura domestiċi.

- (10) Fid-dawl tal-problemi identifikati, il-miżuri attwali applikabbli fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa għandhom jiġu emendati sabiex ikun żgurat li l-livell tal-ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-ingrossa jippermetti l-forniment sostenibbli tar-RLAH fl-Unjoni.
- (11) Sabiex jippermettu l-iżvilupp ta' suq aktar effiċċi, integrat u kompetittiv għas-servizzi tar-roaming, meta jinnejgozjaw l-aċċess bl-ingrossa għall-iskop li jipprovdu servizzi tar-roaming bl-imnut, l-operaturi għandhom jingħataw l-alternattiva li jinnejgozjaw skemi ta' pprezzar bl-ingrossa innovattivi li ma jkunux direttament marbuta mal-volumi effettivament ikkonsmati, bħal pagamenti fissi, impenji bil-quddiem jew kuntratti bbażati fuq il-kapaċită, jew inkella skemi ta' pprezzar li jirriflettu l-varjazzjonijiet tad-domanda matul is-sena. Għalhekk, il-partijiet fin-negozjati għandu jkollhom l-għażla li jaqblu li ma japplikawx tariffi rregolati massimi tar-roaming bl-ingrossa tul il-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa jew matul kwalunkwe perjodi ta' żmien oħrajn li jkunu definiti minn qabel. Dan jeskludi l-possibbiltà għal kwalunkwe parti li sussegwentement titlob għall-applikazzjoni tat-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa abbażi tal-volum skont il-konsum proprju kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 531/2012. Din l-alternattiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligli fir-rigward tal-forniment ta' servizzi rregolati tar-roaming bl-imnut skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012.
- (12) Fir-rigward tar-regoli dwar it-tariffi bl-ingrossa, l-obbligi regolatorji fil-livell tal-Unjoni għandhom jinżammu minħabba li kwalunkwe miżura li tippermetti r-RLAH madwar l-Unjoni mingħajr ma tindirizza l-livell tal-ispejjeż bl-ingrossa assoċjati mal-forniment ta' dawn is-servizzi tista' tirriskja li tħarbat is-suq intern għas-servizzi tar-roaming u, b'hekk, ma tkun qed tinkoräġġixxi li jkun hemm aktar kompetizzjoni.
- (13) It-tariffi bl-ingrossa massimi għandhom jaġixxu bħala livell ta' salvagwardja u jiżguraw li l-operaturi jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż tagħhom, inklużi spejjeż kongħi u komuni. Għandha tippermetti wkoll il-forniment sostenibbli mifrux tar-RLAH, filwaqt li fl-istess ħin tħalli marġini għal negozjati kummerċjali bejn l-operaturi.
- (14) L-istimi tal-ispejjeż għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, inklużi spejjeż kongħi u komuni, ġew ivvalutati abbażi ta' diversi sorsi. Sors wieħed kien mudell tal-ispejjeż ġenerali għas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa popolat b'dejta nazzjonali u bbażat fuq il-metodu użat mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali sabiex jiddeterminaw il-limiti massimi tar-rati ta' terminazzjoni mobbli skont il-liġi tal-Unjoni. Sors ieħor kien dak ta' stimi tal-ispejjeż alternattivi bbażat fuq approċċi konsistenti madwar l-Unjoni fuq ir-regolazzjoni tar-rati ta' terminazzjoni mobbli nazzjonali. Il-valutazzjoni bbażat ukoll fuq it-tariffi attwali tar-roaming bl-ingrossa għat-traffiku mhux bilanċjat fl-Unjoni u fuq l-evidenza tat-tariffi attwali għall-aċċess bl-ingrossa fis-swieq domestiċi.
- (15) Fil-kunsiderazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż, ġie kkunsidrat l-impatt potenzjali tan-natura staġjonali tat-traffiku tar-roaming fuq l-ispejjeż globali għall-provvista tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa fil-livell nazzjonali. Dawn l-istimi ħadu nota tal-effetti ta' kontrobilanċi li jtaffu kwalunkwe żieda potenzjali fl-ispejjeż ikkawżata mill-

istaġjonalità tat-traffiku tar-roaming. B'mod partikolari għas-servizzi tad-dejta, iż-żieda fid-domanda domestika tfisser li kwalunkwe domanda massima tat-traffiku staġjonali f'sena partikolari x'aktarx li tinqabeż mid-domanda domestika totali fis-sena/snин ta' wara. Għaldaqstant, minħabba li n-netwerks ta' komunikazzjoni mobbli terrestri huma dimensjonati sabiex ilaħħqu ma' din ix-xejra ġenerali 'l fuq xprunata mid-domanda domestika, kwalunkwe domanda massima fid-domanda totali tan-netwerk ikkawżata minn flussi ta' roaming staġjonali mhux probabbli li tixpruna l-ispejjeż tad-dimensjonar tan-netwerk mobbli. Għat-telefonati bil-vuċi, fejn id-domanda hija aktar stabbli, f'xi pajjiżi, id-domandi massimi tar-roaming staġjonali jista' jkollhom impatt fuq l-ispejjeż tad-dimensjonar tan-netwerk globali. Madankollu, dawn id-domandi massimi staġjonali lokalizzati fit-traffiku x'aktarx li jkunu xprunati wkoll mill-utenti domestiċi li jmorru f'żoni turistiċi u xi ftit jew wisq jiṭaffew mill-effett kumpensatorju tar-roamers fuq l-użu tal-kapaċità f'żoni metropolitani matul l-istagħġun tal-btajjal tas-sajf.

- (16) Fl-iffissar tat-tariffa bl-ingrossa massima għas-servizzi rregolati tar-roaming tad-dejta, ġew ikkunsidrat l-komponenti tal-aċċess kollha meħtieġa sabiex jippermettu l-forniment ta' servizzi tar-roaming, inklużi l-ispejjeż ta' tranżitu sabiex it-traffiku tad-dejta jitwassal f'punt ta' skambju identifikat mill-operatur tan-netwerk intern.
- (17) Il-portafoll ta' servizzi pprovduti minn kull fornitur tar-roaming bl-ingrossa u l-volumi ta' traffiku mistennija tagħhom għandhom jiġu kkunsidrat meta jitqies ir-rwol ta' salvagwardja tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa fil-kisba taż-żewġ għanijiet, jiġifieri li jiġi żgurat li l-fornituri tar-roaming bl-ingrossa jirkupraw l-ispejjeż rilevanti kollha tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li n-nonsostenibbiltar tar-RLAH tibqa' eċċeżżjonali.
- (18) Għalhekk, it-tariffi massimi eżistenti tar-roaming bl-ingrossa għat-telefonati bil-vuċi, għall-SMS u għas-servizzi ta' dejta għandhom jitbaxxew.
- (19) Filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalită tas-sigrieri kummerċjali u tan-negozju u sabiex jimmonitorjaw u jissorveljaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u l-iżviluppi fis-swiegħ tar-roaming bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu intitolati li jitkolbu informazzjoni dwar il-ftehimiet ta' roaming bl-ingrossa li ma jipprevedux l-applikazzjoni tat-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa. Għandhom jitħallew ukoll jitkolbu informazzjoni dwar l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet fil-ftehimiet ta' roaming bl-ingrossa mmirati biex jipprevjenu r-roaming permanenti u dwar kwalunkwe użu anomalu jew abbużiv ta' aċċess għal roaming bl-ingrossa għal skopijiet oħrajn għajr il-provvista ta' servizzi tar-roaming irregolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming li jivvja għgħid fi ħdan l-Unjoni.
- (20) Ir-regolament speċifiku dwar il-prezzijiet applikabbli għar-roaming jinvolvi l-applikazzjoni ta' limitu massimu ġenerali tal-Unjoni għal prodott kompost, li jista' jinkludi wkoll inputs oħrajn ta' aċċess bl-ingrossa u interkonnessjoni, inklużi, b'mod partikolari, dawk soġġetti għal regolazzjoni nazzjonali jew, potenzjalment, transkonfinali. F'dan ir-rigward, id-diverġenzi madwar l-Unjoni fir-regolazzjoni ta' dawn l-inputs huma previsti li jonqsu, b'mod partikolari permezz tal-prospett ta' mżiuri addizzjonali meħħuda b'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva

Kwadru)⁷ mmirati biex jiżguraw konsistenza akbar tal-aproċċi regolatorji. Sadanittant, kwalunkwe tilwima bejn l-operaturi tan-netwerk miżjura u operaturi oħrajn fuq ir-rati applikati għal dawk l-inputs irregolati li huma meħtieġa għall-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa għandha tīgħi indirizzata wara li tīgħi kkunsidrata l-opinjoni li trid tinħareġ minn BEREC, b'konformità mal-obbligi regolatorji spċċifici applikabbi għar-roaming, kif ukoll mad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), mad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni)⁸, mad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva tal-Aċċess)⁹ u mad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva Servizz Universali)¹⁰.

- (21) Jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u riveduti regolarmen il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa u l-interrelazzjoni tagħhom mas-suq tar-roaming bl-imnut, billi jiġu kkunsidrati l-iżviluppi kompetittivi u teknoloġiċi u l-flussi tat-traffiku. Sabiex ikun jista' jiġi vvalutat kif suppost kif is-swieq tar-roaming se jadattaw għar-regoli dwar ir-RLAH, għandha tinġabar biżżejjed dejta dwar il-funzjonament ta' dawn is-swieq wara l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli.
- (22) Sabiex jivvaluta l-iżviluppi kompetittivi fis-swieq tar-roaming madwar l-Unjoni kollha u jirrapporta regolarmen dwar il-bidliet fit-tariffi attwali tar-roaming bl-ingrossa għat-traffiku mhux bilanċjat bejn il-fornituri tar-roaming, BEREC għandu jingħata l-kompli li jiġbor dejta mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar it-tariffi attwali applikati għat-traffiku bilanċjat u mhux bilanċjat, rispettivament. Għandu jiġbor ukoll dejta f'każijiet fejn il-partijiet għal ftehim bl-ingrossa jkunu rtiraw mill-applikazzjoni tat-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa jew ikunu implementaw miżuri fil-livell bl-ingrossa mmirati biex jipprev jenu r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet oħrajn għajnej il-forniment ta' servizzi rregolati tar-roaming lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt li dawn tal-aħħar ikunu qed jivvja għġieg perjodikament ġewwa l-Unjoni.
- (23) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 għandu jiġi emendat skont dan.
- (24) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għaliex il-miżuri nazzjonali ma jistgħux jiżguraw li r-regoli dwar is-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa huma konsistenti mar-regoli tal-UE dwar is-servizzi ta' roaming bl-imnut. Minflok, l-effetti transkonfinali tas-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa fuq il-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-imnut fi ħdan l-Unjoni jfissru li l-għanijiet jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit

⁷ Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

⁸ Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.

⁹ Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.

¹⁰ Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelaw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.

f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx 'lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħaq l-ġħanijiet tiegħu.

- (25) Dan ir-Regolament jiirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 531/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

‘4. Ir-regoli dwar it-tariffi rregolati ta' roaming bl-ingrossa stipulati fl-Artikoli 7, 9 u 12 għandhom jaapplikaw għall-forniment tal-aċċess għall-komponenti kollha tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa msemmija fil-paragrafu 3, sakemm iż-żewġ partijiet għall-ftehim tar-roaming bl-ingrossa ma jkunux qablu espliċitament li kwalunkwe tariffa medja tar-roaming bl-ingrossa li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-ftehim ma għandhiex tkun soġġetta għat-tariffa rregolata massima tar-roaming bl-ingrossa għal perjodu ta' żmien definit.’

- (2) Fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dawn li ġejjin:

‘1. It-tariffa medja bl-ingrossa li l-operatur tan-netwerk miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' telefonata bir-roaming irregolata li toriġina minn dak in-netwerk miżjur, bl-inklużjoni, fost l-oħrajn, tal-ispejjeż tal-oriġini, tat-tranżitu u tat-terminazzjoni, ma għandhiex tkun aktar minn limitu ta' salvagwardja ta' EUR 0.04 kull minuta mill-15 ta' Ġunju 2017 u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, għandha tibqa' bir-rata ta' EUR 0.04 sat-30 ta' Ġunju 2022.

2. Il-ħlas medju bl-ingrossa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jaapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi u għandu jiġi kkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar jew kwalunkwe perjodu iqsar bħal dan li jkun fadal qabel tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' ħlas medju massimu bl-ingrossa kif previst fil-paragrafu 1 jew qabel it-30 ta' Ġunju 2022. ’

- (3) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

‘1. B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, it-tariffa medja bl-ingrossa li l-operatur tan-netwerk miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' messaġġ SMS bir-roaming irregolat li joriġina minn dak in-netwerk miżjur, ma għandhiex tkun aktar minn limitu ta' salvagwardja ta' EUR 0.01 għal kull messaġġ SMS u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, għandha tibqa' bir-rata ta' EUR 0.01 sat-30 ta' Ġunju 2022. ’

- (4) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

‘1. B’effett mill-15 ta’ Ġunju 2017, it-tariffa medja bl-ingrossa li l-operatur ta’ netwerk miżjur jista’ jitlob lill-fornitur tar-roaming għall-forniment ta’ servizzi rregolati tar-roaming tad-dejta permezz ta’ dak in-netwerk miżjur ma għandhiex taqbeż limitu ta’ salvagwardja ta’ EUR 0.0085 għal kull megabyte ta’ dejta trażmessu u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, għandha tibqa’ bir-rata ta’ EUR 0.0085 għal kull megabyte ta’ dejta trażmessu sat-30 ta’ Ġunju 2022.’

- (5) Fl-Artikolu 17 (1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

‘Każijiet ta’ tilwim bejn l-operaturi tan-netwerk miżjur u operaturi oħrajin dwar ir-rati applikati għall-inputs meħtieġa għall-forniment ta’ servizzi tar-roaming bl-ingrossa rregolati jistgħu jitressqu quddiem l-awtoritā jew awtoritajiet regolatorja/i nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 20 jew 21 tad-Direttiva Kwadru. F’każ bħal dan, l-awtoritā jew l-awtoritajiet regolatorja/i nazzjonali kompetenti għandhom jikkonsultaw lil BEREC dwar l-azzjoni li trid tittieħed skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Kwadru, id-Direttivi Speċifċi jew dan ir-Regolament għar-riżolviment tat-tilwima, u għandhom jistennew l-opinjoni ta’ BEREC qabel jieħdu azzjoni sabiex jirrisolvu t-tilwima.’

- (6) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza tinbidel b’din li ġejja:

‘Addizzjonalment, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn wara l-15 ta’ Ġunju 2017.’.

- (b) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, l-ewwel sentenza tinbidel b’din li ġejja:

‘Sabiex jivvaluta l-iżviluppi kompetittivi fis-swieq tar-roaming madwar l-Unjoni kollha, BEREC għandu jiġib regolarmen dejta mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-iżviluppi fit-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut għas-servizzi rregolati ta’ telefonati bil-vuċi, SMS u roaming tad-dejta, inklużi t-tariffi bl-ingrossa applikati għat-traffiku tar-roaming bilanċjat u mhux bilanċjat, rispettivament. Għandu jiġib ukoll dejta dwar il-ftehimiet bl-ingrossa mhux soġġetti għat-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa previsti fl-Artikoli 7, 9 jew 12 u dwar l-implimentazzjoni ta’ miżuri kuntrattwali fil-livell bl-ingrossa mmirati biex jipprev jenu r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiż ta’ aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet oħrajin għajnej il-forniment ta’ servizzi tar-roaming irregolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt li dawn tal-aħħar ikunu qed jivvjaġġaw perjodikament ġewwa l-Unjoni.’

Artikolu 2

Dħul fis-seħħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fī Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President